MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 332/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Zarb**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Zarb talli fil-21 ta' Marzu 2006 u x-xhur ta' qabel, mexxa jew opera jew halla li tigi operata jew titmexxa attivita` turistika (stabbiliment li jipprovdi l-ikel) Funky Pickup Snack Bar, 53a, Gzira Road, Gzira, minghajr ma kellu licenzja mahruga ghalhekk minn Awtorita` kompetenti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Ottubru 2006 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-appellat (allura

imputat) sabet lill-imsemmi Carmel Zarb hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 43(1)(a) u 18(1) ta' l-Att ta' 1999 dwar Servizzi ta' l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta (Kap. 409) u bi ksur ta' l-artikoli [*recte:* regolamenti] 3(1) u 17 ta' l-Avviz Legali 175 ta' 2004 (Regolamenti ta' 2004 dwar Stabbilimenti li jipprovdu l-ikel), ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' ghoxrin liri Maltin (Lm20);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-30 ta' Ottubru 2006, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-imsemmi Carmel Zarb skond l-imputazzjoni migjuba kontrieh, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn, bl-applikazzjoni tal-artikolu 43(1)(a) tal-Kapitolu 409, ikkundannatu ghal Lm20 multa u, minflok, tinfliggi l-piena skond il-ligi b'mod li l-ammont tal-multa ma ghandhiex tkun inqas minn Lm500;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi ghas-seduta tallum stess l-appellat, debitament notifikat u msejjah, baqa' ma deherx;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell ta' l-Avukat Generali mill-piena nflitta mill-ewwel Qorti. L-aggravju jikkonsisti fil-fatt li, skond l-Avukat Generali, l-ewwel Qorti nfliggiet piena pekunjarja ferm taht il-minimu tal-piena preskritta mil-ligi.

Issa, l-appellat gie akkuzat bi ksur ta' l-artikolu 43(1)(a) ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta (Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta) li jiddisponi li kull min imexxi jew jippermetti li titmexxa xi attivita` turistika minghajr ma jkollu licenzja, ikun hati ta' reat. Ghal tali reat, il-piena stabbilita hija dik ta' **"multa ta' mhux anqas minn hames mitt lira u mhux aktar minn ghaxart elef lira"**. Is-subartikolu (3) ta' l-imsemmi artikolu 43 imbaghad jeskludi l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation dwar reati msemmijin fis-subartikolu (1) izda ma

jeskludix l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Ciononostante, skond l-imsemmi artikolu 21, qorti ta' gustizzja kriminali tista' taghti piena anqas mill-minimu stabbilit mil-ligi, **"ghal ragunijiet specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza"**. Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti la rreferiet ghall-imsemmi artikolu 21 u lanqas semmiet xi ragunijiet **"specjali u straordinarji"** li minhabba fihom kienet se tapplika piena taht il-minimu.

Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi l-appell ta' l-Avukat Generali jimmerita li jigi milqugh u s-sentenza appellata sejra tigi riformata fis-sens mitlub.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ddikjarat lill-appellat hati ta' l-imputazzjoni dedotta, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' ghoxrin liri Maltin (Lm20) u, minflok, tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt liri Maltin (Lm500).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------